# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Jannar, 2020**

**Numru 11**

**Rikors Numru 1253/18 TA**

**Inġinier Joseph Bajada**

**vs**

**(1) Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku,**
**(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex u b'digriet tal-24 ta' Ġunju 2019 ġew kjamati in kawża Noel Attard, Lorne Joseph Cremona, Joseph Farrugia, Amity Galea, Alessandra Haber, Lucienne Haber, Maria Portelli u Michael Saliba.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur tas-17 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

(1) "ILLI l-attur applika għall-post ta' ***Assistant Direttur (Public Cleansing) fid-Direttorat għal Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex*** wara illi ħarġet is-sejħa b'ċirkolari **HR/MG/no.7/2018** tat-13 ta' Lulju 2018 **(DOK A)**.

(2) ILLI mir-riżultat tal-istess proċess ta' għażla ppubblikat **(DOK B)** irriżulta illi l-attur ġie fit-tieni post minn fost disa' kandidati, u dan kollu wara illi *selection board* ikkonduċa l-proċess tal-għażla.

(3) ILLI bejn l-ewwel kandidat klassifikat u l-attur, id-differenza ta' marki hija ta' żewġ punti, meta l-marki huma minn 200 punt, l-ewwel klassifikat ġab 145 u l-attur ġab 143.

(4) ILLI kif kien dritt tal-attur skond ir-regolamenti opportuni, huwa ressaq petizzjoni quddiem l-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku nhar l-24 ta' Settembru 2018 **(DOK C)** u hemmek, ressaq il-lanjanzi tiegħu fir-rigward tar-riżultat pubblikat.

(5) ILLI b'email tas-17 ta' Ottubru 2018 **(DOK D),** il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għarrfet lill-attur b'dak illi l-Bord ta' l-Għażla kien ikkumenta in segwitu għal petizzjoni tal-istess attur u talbet lill-istess attur sabiex jagħmel kummenti ulterjuri fi żmien hemmek stabbilit.

(6) ILLI l-attur hekk għamel u dan permezz ta' ittra mibgħuta għan-nom tiegħu datata 22 ta' Ottubru 2018 **(DOK E)** u l-attur talab hemmek, partikolarment in vista ta' dak li kien ikkumenta l-Bord ta' l-Għażla, sabiex jingħata aċċess sħiħ għal file mertu ta' dan il-proċess ta' l-għażla.

(7) ILLI minflok aċċess għal file, huwa ngħata ta' ittra mibgħuta għan-nom tiegħu datata 22 ta' Ottubru 2018 **(DOK F)** li biha ġie mogħti żmien qasir ta' ħames t'ijiem utili sabiex jirrispondi, imma fuq kollox illi huwa ma ngħatax aċċess għal file intier, imma biss ġie provdut bin-noti meħuda fir-rigward tiegħu mill-Bord tal-Għażla waqt l-intervista.

(8) ILLI l-esponent iħoss illi dan huwa ksur lampanti tad-drittijiet tiegħu illi qegħdin fuq kollox jippreġudikawh fid-dritt tiegħu illi jkollu kull opportunita' kif trid il-liġi, kemm miktuba u kif ukoll dik msejjsa fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, milli jkollu smiegħ xieraq, ġiust u fair.

*(9)* ILLI **l-artiklu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 01** (Regolamenti Ġenerali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) jistipula illi *Fit-twettiq tal-funzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha* ***tħares il-prinċipji tal-ġustizzja, ekwita', mertu, ugwaljanza ta' opportunitajiet imparzjalita' u liberta' minn diskriminazzjoni, patroċinju u favoritiżmu****.*

(10) ILLI l-attur, talab lil Kummissjoni PSC sabiex jara il-marki ottenuti mill-kandidat/i l-oħra partikolarment wara illi jirriżulta illi appuntu fil-proċess tal-petizzjoni, il-Bord ta' l-Għażla li qed jiddefendi r-riżultat wara l-petizzjoni, qiegħed jagħmel dan (a) bil-vantaġġ illi għandu quddiemu l-marki u n-noti kollha tal-kandidati kollha fil-proċess u (b)

evidentament u ċar illi allura, hu jew mhux proċess avversarju dan quddiem il-PSC, żgur illi l-iċken ħaġa illi għandu jkollu dritt għaliha l-petitioner sabiex ikun lilu garantit proċess ekwu u ġiust, msejjes kif iridu r-regolamenti, ossia, b'ħarsien lejn il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, huwa id-dritt illi jkollu aċċess għal file intier.

(11) ILLI **l-Liġi Sussidjarja Kost.05**, (Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet), allura *lex specialis*, **fl-artikolu 24(4)** tagħha, tirrikjedi illi petizzjoni minn applikant taħt dan ir-regolament ma tiġix ikkunsidrata sakemm l-applikant ma jindikax b'mod ċar u speċifiku r-raġunijiet għaliex jaħseb li d-deċiżjoni tal-bord tal-għażla ma tirriflettix il-prinċipju ta' mertu.

(12) ILLI **l-Artikolu 36** tal-istess Liġi Sussidjarja tistipula illi ma jistax ikun hemm pubblikazzjoni jew żvelar ta' xi informazzjoni li tkun ħarġet mill-proċessi ta' għażla, u li tappartjeni għal individwi **sakemm** dik il-pubblikazzjoni jew żvelar ma tkunx neċessarja għal għan uffiċjali leġittimu koness mal-proċessi ta' għażla, **sottomissjonijiet jew petizzjonijiet**[1].

(13) ILLI jiġi umilment sottomess mill-ewwel, illi l-esponent talab għall-marki tat-terzi kandidati l-oħra, appuntu għal għan **uffiċjali leġittimu**, ossia sabiex jintavola il-petizzjoni tiegħu "*b'mod ċar u speċifiku*" kif trid il-liġi, u sabiex, ukoll kif trid il-liġi, iressaq f'dan il-proċess, petizzjoni u sottomissjonijiet kif titlob il-liġi, u dan qed jiġi lilu mċaħħad b'mod inġiust u illeċitu – u dak li trid il-liġi, ossia, it-trasparenza, qed jiġi oskurat, niente di meno, mill-istess Kummissjoni intimata.

(14) ILLI talba tal-attur fi proċess ta' petition quddiem il-PSC hija ċertament leġittima u taqa` fid-definizzjoni ta' "**uffiċjali leġittimu**" kif fuq kollox determinat u stabbilit anke minn din l-Onorabbli Qorti f'okkażjoni oħra, meta qalet:

> *".... il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent taqa` taħt din id-disposizzjoni. Wara kollox hi talba li saret fil-kors tal-petizzjoni u li saret lill-Kummissjoni fit-termini tal-Liġi*".[2]

(15) ILLI kif jirriżulta anke mir-regolamenti su ċitati, il-prinċipju tal-mertu huwa punt determinant. L-esponent qed iressaq din il-petizzjoni għaliex jidhirlu illi dan ir-riżultat ma jirriflettix **il-prinċipju tal-mertu**".

[1] Bold ghall-emfasi
[2] Digriet tal-PA ghal Mandat ta' Inibizzjoni **1289/2017AE** - Dr Stephanie Muscat noe vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (1.10.2017) (para 12)

(16) Din l-Onorabbli Qorti ġja esprimiet ruħa fir-rigward, meta qalet, anke jekk fuq livell prima facie f'atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni:

> *Il-Qorti ma taqbel xejn mal-intimati* (ukoll PSC f'dawk il-proċeduri) *li r-rikorrent għandu biss dritt isostni illi huwa kellu jingħata aktar marki għoljin u mhux jilmenta dwar il-marki li ġab ħaddieħor. Mhux hekk jirriżulta mir-regolamenti. Ladarba l-ħatra għandha tkun fuq **il-prinċipju ta' mertu**, il-proċess kollu quddiem il-Kummissjoni hu proprju biex isir stħarriġ dwar jekk il-kandidat magħżul huwiex l-aktar kandidat adatt minn dawk li applikaw għal ħatra. Ovvjament fl-eżerċizzju li kellu jagħmel il-bord tal-għażla, hemm aspetti soġġettivi. Pero`, f'dan ir-rigward jipprovdi regolament 19.*
>
> ***"... jekk ir-rikorrent mhux ser jingħata t-tagħrif, ser isofri preġudizzju fil-proċess ta' 'petizzjoni għaliex ser ifisser li mhux ser jingħata aċċess għal tagħrif lilu essenzjali biex isaħħaħ it-teżi tiegħu li r-riżultat ma jirriflettix il-prinċipju tal-mertu"*[3]

(17) ILLI din il-linja ta' ħsieb ġiet kkonfermata anke f'Digrieti oħra ta' din l-Onorabbli Qorti f'atti ta' Mandati ta' Inibizzjoni oħra, anke jekk, għar-raġunijiet tagħhom, dawk it-talbiet tal-ħruġ ta' mandati ma ntlaqgħux.[4]

> ***"……… il-Kummissjoni trid tħares il-prinċipji ta' smiegħ xieraq u tagħti lill-istess konkorrent kull faċilita' ta' aċċess għat-tagħrif kollu li jkun jinsab fil-proċess tal-għażla, magħdud tagħrif dwar konkorrenti oħra."***[5]

(18) ILLI l-attur, fis-sottomissjonijiet tiegħu lil PSC kien espliċitu u ċar fuq il-mod kif il-jeddijiet tiegħu qed jiġu leżi fir-rigward tal-fatt illi huwa ma ngħatax il-marki tal-kandidati l-oħra għall-liema osservazzjonijiet u lanjanzi, l-intimati ma taw ebda rimedju, anzi, għal preċiżjoni jingħad biss illi l-attur ngħata biss in-notamenti tal-Bord tal-Għażla fir-rigward tiegħu stess.

(19) ILLI inoltre`, meta marka jew tnejn jifirdu żewġ kontestanti, il-Manual igħid espressament illi *cases such as those resulting in ties, or where*

---

[3] Digriet tal-PA ghal Mandat ta' Inibizzjoni **1289/2017AE** - Dr Stephanie Muscat noe vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (1.10.2017)
[4] **997/18JRM** Dr Johann Craus vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku et
[5] **1737/17JRM** Geoffrey Bartolo vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku et

*the difference in ranking order is that of one or two marks, or borderline failures, **<u>require specific scrutiny</u>**.*[6]

(20) ILLI allura, fil-kuntest ta' dan kollu, neċessarju illi jkun hemm skrutinju akkurat u speċifiku f'dan il-każ odjern, ħaġa illi l-Kummissjoni intimata ma jidhirx illi qed tiggarantixxi.

(21) ILLI jekk il-petitioner irid ikun, kif għandu jkun il-każ, parteċipi fi proċess ta' skrutinju aktar rigoruż, jispetta ferm aktar allura illi huwa jingħata aċċess sħiħ għall-file u l-opportunita sħiħa u kompluta illi huwa jiddefendi ruħu.

(22) ILLI l-Onorabbli Qorti ġja kellha l-opportunita` illi tesprima ruħu f'atti simili għal dan u qalet:

> "*Din il-materja għandha ovvjament tiġi trattata quddiem il-Kummissjoni, għalkemm <u>hi ċirkostanza li tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li r-rikorrent għandhu jingħata aċċess għall-inkartament kollu relatat mal-proċess tal-għażla u l-petizzjoni</u>.*"[7]

(23) Illi rinfaċċjat b'dan kollu, l-attur ma kellux għażla għajr li jirrikorri quddiem din l-istess Onorabbli Qorti u jressaq rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, **1884/2018LM**, liema Rikors ġie milqugħ b'digriet tal-istess Onorabbli Qorti tal-5 ta' Diċembru 2018, u fejn l-Onorabbli Qorti qalet:

> *Il-Qorti tqis illi mad-daqqa t'għajn jidher li petizzjonant għandu jedd li jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha li jista' jeħtieġ biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni bl-aħjar mod. Mingħajr ma tidħol fil-mertu dwar jekk il-marki tal-kandidati l-oħra jikkostitwixxux data protetta taħt il-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-Kummissjoni hi tenuta li tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali f'kull proċess li jkollha quddiemha. Waqt is-smigħ tal-petizzjoni tiegħu quddiem il-Kummissjoni, ir-rikorrent għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża dik dwar ir-riżultati miksuba mill-kandidati l-oħrajn, sabiex ikun f'qagħda li jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni bl-aħjar mod dwar jekk fuq bażi ta' mertu r-riżultat maħruġ mill-Bord tal-Għażla kienx wieħed ġust jew le. Il-Qorti hawnhekk bl-ebda mod ma trid tiftiehem li*

[6] 4.1(iv) tal-Manual on the Selection and Appointment Process Under Delegated Authority in the Malta Public Service – Version 3.3 (Jan 2018)
[7] Digriet tal-PA ghal Mandat ta' Inibizzjoni **1289/2017AE** - Dr Stephanie Muscat noe vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (1.10.2017)

*qiegħda tgħaddi xi tip ta' ġudizzju dwar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, imma l-petizzjonant biex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu in sostenn tal-petizzjoni tiegħu għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha rilevanti u pertinenti għall-każ tiegħu.*

*Hekk stabbilit li r-rikorrent għandu mad-daqqa t'għajn jedd x'jikkawtela permezz tal-Mandat, fis-sens li l-proċeduri tal-petizzjoni li qegħdin isiru quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jkunu jirrispettaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u li sabiex dan ikun jista' jseħħ ir-rikorrent għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha rilevanti sabiex huwa jkun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni bl-aħjar mod…………………………………..*
*Tqis però li l-lanjanza ewlenija fir-rikors promotur għal ħruġ tal-Mandat mhijiex dwar il-pretensjoni tar-rikorrent li l-ħatra inkwistjoni tingħata lilu, jew dwar ir-riżultat tal-Bord tal-Għażla, iżda li bil-ħruġ tal-Mandat għandhom jitwaqqfu l-proċeduri tas-smigħ tal-petizzjoni quddiem il-Kummissjoni sakemm tingħata deċiżjoni finali fil-mertu dwar jekk ir-rikorrent għandux jingħata aċċess għall-informazzjoni li qiegħed jippretendi li għandu jingħata. Il-Kummissjoni intimata ssottomettiet ukoll li r-rikorrent m'għandu l-ebda jedd prima facie li jingħata aċċess għall-inkartament kollu tal-file inkwistjoni, inklużi l-marki ta' terzi. Iżda f'dan ir-rigward il-Qorti terġa' ttenni li f'dan l-istadju tal-prima facie kulma qiegħda tistabbilixxi huwa li r-rikorrent għandu l-jedd li jingħata smigħ xieraq mill-Kummissjoni, xi ħaġa li tista' ssir biss jekk hu jkollu f'idejh l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun jista' jagħmel il-każ tiegħu bl-aħjar mod.*

***Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li dan il-Mandat għandu jintlaqa', u l-proċess tas-smigħ tal-petizzjoni tar-rikorrent għandu jieqaf, u dan sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar il-mertu, u dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn ir-rikorrent jista' jsofri preġudizzju li għalih ma jkunx hemm rimedju.***

***Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.***[8]

(24) Illi din l-Onorabbli Qorti għalhekk laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni tal-attur kif hemmek mitlub u għalhekk ukoll illi kellha ssir din il-kawża.

**Għaldaqstant**, l-attur qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

[8] Vide Digriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1884/2018LM : Bajada vs PSC et

1. **Tiddikjara** illi l-proċess ta' l-għażla u/jew dik tal-petizzjoni tal-attur kif addottat mill-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u kif hawn fuq premess u għar-raġunijiet kollha jew liema minnhom hawn fuq premessi, partikolarment in kwantu l-attur qed jiġi mċaħħad, qua petitioner, milli jara l-file sħiħ u intier tal-proċess kollu tal-għażla, jikser id-disposizzjonijiet tar-regolamenti li jirregolaw tali proċedura u jilledi d-drittijiet tar-rikorrent bbażata prinċipalment fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

2. **Tiddikjara** nulli, invalidi u bla effett id-deċiżjonijiet kollha jew uħud minnhom, meħuda mill-intimati jew minn minnhom sal-llum fil-kuntest tal-proċess tal-għażla *de quo* u l-proċess tal-petizzjoni tar-rikorrent.

3. **Tordna** konsegwentament u jekk ikun neċessarju fid-dawl tat-tieni talba, lill-intimati jew min minnhom sabiex jagħtu aċċess għat-tagħrif kollu, għal file kollu, għall-informazzjoni kollha u intiera li hemm fil-proċess ta' għażla u l-proċess ta' petizzjoni, inkluż informazzjoni kollha dwar kandidati oħra, kif ukoll jagħtu l-opportunita` lill-attur illi jagħmel is-sottomissjonijiet u jressaq xhiedha u sottomissjonijiet in sostenn tal-petizzjoni tiegħu, liema petizzjoni għandha tiġi trattata bi skrutinju akkurat.

4. **Tikkonferma** l-fuq msemmi Mandat ta' Inibizzjoni numru 1884/2018LM.

Bl-ispejjes kollha, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista` tispetta lill-attur, inkluż dik għad-danni."

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Jannar 2019;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtoritajiet Konvenuti tal-21 ta' Frar 2019

li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. "Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċepixxu l-inamissibilita' tat-talba tar-rikorrenti stante illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda vaga u mhux indentifikat x'inhu d-dritt illi fuqu hija bażata l-azzjoni;

2. Illi preliminarjament, in kwantu li l-azzjoni attriċi hija diretta sabiex jiġi dikjarat invalidu u null proċess tal-għażla li jirrigwarda wkoll terzi persuni u fejn ir-rikorrenti qiegħed jitlob ukoll li jkollu aċċess għar-riżultat tat-terzi, dawn it-terzi persuna għandhom kull interess ġuridiku li jissejjħu f'dawn il-proċeduri għall-fini ta' integrita' tal-ġudizzju;

3. Illi preliminarjament ukoll, l-improponibilita' tal-azzjoni odjerna in kwantu fl-azzjoni odjerna qed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tal-'*proċess ta' l-għażla u/jew dik tal-petizzjoni tar-rikorrenti kif addottat mill-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku*'. Illi l-impunjazzjoni kemm tal-proċess tal-għażla kif ukoll il-proċess tal-petizzjoni ma jistax issir ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li dak li qed jillamenta minnu r-rikorrenti ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" li hemm fis-subinċiż (2) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni hija mankanti minn fondament Kostituzzjonali u anzi tmur espressament kontra dak li huwa stipulat fl-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni billi hija diretta sabiex tissindaka allegat aġir magħmul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta l-aġir tal-Kummissjoni f'materja bħal din m'huwiex sindakabbli;

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn minnhom illi jista' legalment jattira l-ħtieġa ta' reviżjoni da parti tal-Qorti;

6. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti u dan peress li huma dejjem aġġixxew skont id-dettami tal-liġi u entro l-parametri tal-istess liġi u regolamenti viġenti;

7. Illi l-fatt li r-rikorrenti kien wieħed mill-kandidati li applikaw għall-għażla, madankollu dan ma jagħtih l-ebda dritt awtomatiku li jingħażel sabiex jimla l-vakanza. Illi d-dritt tar-rikorrenti huwa li jipparteċipa fil-għażla iżda l-ebda kandidat li jipparteċipa ma għandu dritt assolut li jintagħżel hu anke jekk huwa jkun jaħseb li huwa l-aħjar kandidat;

8. Illi in oltre, fil-kuntest ta' petizzjoni l-Kummissjoni tkun trid tindirizza l-punti mqajjma fil-petizzjoni u tara li l-għoti tal-marki jkunu ngħataw b'mod ġust u ekwu. Illi dan huwa li jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (LS KOST.05) u ċioe' li janalizza r-raġunijiet abbażi ta' liema tkun qed issir il-petizzjoni. Illi wieħed irid jinkwadra dan kollu taħt il-kappa li dawn mhumiex proċeduri kontenzjuzi fis-sens li l-individwu għandu kull dritt li permezz tal-petizzjoni tiegħu jagħmel sottomissjonijiet sabiex juri li kien huwa li jimmerita li jingħata l-ħatra iżda f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda 'litiġju';

9. Illi in kwantu l-ilment tar-rikorrenti li ma ġewx segwiti r-Regolament kemm għax ma ngħatax kopja tal-*breakdown* tar-riżultat tal-kandidati l-oħra kif ukoll ma ngħatax kopja tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Bord tal-Għazla, l-esponenti jissottomettu li fi stadju ta' petizzjoni l-irwol tal-Kummissjoni huwa li tikkunsidra r-raġunjiet mogħtija minn kandidat li jkun ħass ruħhu aggravat bir-riżultat tal-Board tal-Għazla u l-iskrutinju li jsir mill-Kummissjoni huwa li tintalab spjegazzjoni mill-Bord tal-Għazla u raġunijiet dettaljati l-għala l-Bord tal-Għażla jkun wasal għal tali riżultat. Illi kif diġa' ntqal il-proċess ta' petizzjoni mhuwiex proċess kontenzjuz iżda dak li jsir huwa li l-Kummissjoni tanalizza l-petizzjoni li tkun daħlet, titlob l-ispjegazzjoni mill-Board tal-Għazla u tara li l-ispjegazzjoni tkun waħda ġustifikata;

10. Illi in oltre, r-rikorrenti ma għandux dritt li jingħata *breakdown* tal-marki tal-kandidati l-oħra. Illi r-raġunijiet li għandu jagħti r-rikorrenti għandhom ikunu msejsa fuq kif ir-rikorrenti nnifsu ma ngħatawx lilu l-marki li huwa jikkunsidra li kien mistħoqq u mhux li jagħmilha huwa stess ta' Bord tal-Għażla u jnaqqas il-marki lil xi kandidat ieħor jew li jipprova jiddiskredita lil xi kandidat ieħor. Illi r-rikorrenti ngħata l-*breakdown* tal-marki tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel sottomissjonijiet u jibni dawk l-argumenti sabiex juri li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla fil-konfront tiegħu ma tirriflettix il-prinċipju tal-mertu;

11. Illi għal dak li jirrigwarda l-Manwal, l-esponenti jissottomettu li l-Manwal jirrifletti dak li jinsab fl-Avviż Legali li fuqu huwa mfassal l-istess Manwal. Illi l-liġi nnifisha tagħti l-poter li jinħarġu linji-gwida permanenti dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tas-servizz pubbliku;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

13. Bl-ispejjeż."

Rat il-provvediment tagħha tal-24 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu ġew imsejħa fil-kawża l-Konvenuti l-oħrajn;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Noel Attard u oħrajn tal-5 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. “Illi preliminarjament il-“privilegium fori” a tenur tal-artikolu 768 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) peress li l-maġġoranza tal-konvenuti jirrisjedu fil-gżira Għawdxija u għalhekk din il-kawża għandha tinstema’ mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali).

2. Illi l-esponenti ma humiex il-leġittimu kontraditturi f’din il-kawża peress li ma humiex huma li għandom jew jistgħu jirrispondu in kontradizzjoni tat-talbiet attriċi anzi l-pożizzjoni tagħhom tista’ tkun allinjata ma’ dik tal-attur mingħajr ma filfatt jallinjaw ruħhom ma’ dik tal-attur għaliex f’każ ta’ eżitu sfaverolvi ma għandhomx jiġu akkoljati bl-ispejjeż. Kwindi għandom jiġu liberati ab observanza.

3. Illi fil-mertu l-esponenti jirrimettu ruħhom għal kwalsiasi ġudizzju li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti b’dana illi huma ma għandhom bl-ebda mod ibagħtu l-ispejjeż għaliex la kienu huma li provokaw dan il-ġudizzju u lanqas kienu huma li talbu l-kjamata f’din il-kawża.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. Bl-ispejjeż.”

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Michael Saliba tas-6 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

“(1) Illi l-esponent ġie kjamat fil-kawża odjerna b’digriet tal-Onorabbli Qorti tat-Tnejn 24 ta’ Ġunju, 2019.

(2) Illi huwa sempliċiment applika għall-pożizzjoni ta’ Assistant Direttur (Tindif Pubbliku) fid-Direttorat tal-Eco-Gozo u Żvilupp Reġjonali fil-Ministeru għal Għawdex wara illi ħarġet is-sejħa b’ċirkolari Numru HR/MG/no. 7/2018 tat-13 ta’ Lulju 2018.

Il-kjamat fil-kawża kellu kull interess illi japplika kif fil-fatt għamel sabiex jekk jintgħażel mill-Bord tal-Għażla, huwa jkun jista’ jimla il-post vakant ta’ assistant Direttur (Tindif Pubbliku) fid-Direttorat tal-Eco-Gozo u Żvilupp reġjonali. Dan għaliex huwa kien eleġibbli li japplika u kellu l-kwalifiki neċesarji sabiex ikun jista japplika skond l-istess ċirkulari HR/MG/no. 7/2018 tat-13 ta’ Lulju 2018.

(3) Illi mir-riżultat tal-istess proċess ta’ għażla ppubblikat skond DOK “B”, il-kjamat fil-kawża kklassifika fl-ewwel post fl-ordni tal-mertu b’mija u ħamsa u erbgħin marka (145 marks) minn fost diġa’ kandidati u dan skond kif ikkonkluda il-Bord tal-Għażla fl-istess proċess.

(4) Il-fatti riżultanti kif ġew ippubblikati mill-Bord tal-Għażla fi ħdan il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kienu juru skond DOK “B”, illi l-kjamat fil-kawża Michael Saliba kiseb l-akbar ammont ta’ marki fir-riżultat *de quo*, iġifieri mija u ħamsa u erbgħin marka (145 marks) minn mitejn marka (200 marka).

Dan juri li l-kjamat in kawża irnexxilu jġib l-ikbar ammont ta’ marki mill-kandidati/applikanti l-oħra u għalhekk huwa ikklassifika fl-ewwel post fl-ordni tal-mertu.

(5) Illi r-riżultati tal-marki hekk kif maħruġa mill-Bord tal-Għażla huma riżultat tal-istess Bord u l-kjamat fil-kawża kien sempliċiment applikant sabiex jimla l-post vakant ta’ Assistant Direttur (Tindif Pubbliku) fid-Direttorat tal-Eco-Gozo u Żvilupp Reġjonali u għalhekk kien persuna ndipendenti u m’għandu x’jaqsam xejn mal-persuni li għamlu d-deċiżjoni tagħhom fil-Bord tal-Għażla.

Għaldaqstant il-kjamat fil-kawża Michael Saliba kien persuna estraneja għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla maħtur mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

Għalhekk id-deċiżjoni tal-persuni tal-Bord tal-Għażla, fejn dawn iddeċidew li jagħtu l-ikbar ammont tal-marki lill-kjamat fil-kawża Saliba fl-istess proċess hekk kif ġie ippubblikat, ġiet meħuda mill-awtorita li kellha tiddeċiedi u huwa ma kellu l-eda influwenza fuq id-deċiżjoni tal-istess Bord.

(6) Preliminarjament ukoll u dan mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, skond l-ewwel talba tiegħu, **l-attur qed jitlob dikjarazzjoni mill-Onorabbli Qorti** illi l-proċess tal-għażla u/jew dik tal-petizzjoni tal-attur kif addottata mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku **jikser id-disposizzjonijiet** tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 01 Artiklu 3 (Regolamenti Ġenerali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) u anke tar-regolamenti li jirregolaw il-proċedura bil-leġislazzjoni sussidjarja tal-Kostituzzjoni ta’ Malta partikolarment il-Liġi Sussidjarja Kost. 05 (Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet) bl-Artiklu 24 (4) u l-Artiklu 36 tal-istess Liġi Sussidjarja.

L-attur qed jitlob ukoll lill-Onorabbli Qorti fl-istess l-ewwel talba tiegħu sabiex tiddikjara illi l-intier tal-proċess kollu tal-għażla jikser ir-regolamenti hawn imsemmija kif ukoll jilledi d-drittijiet tar-rikorrent ibbażati prinċipalment fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Pero’ huwa ma jgħid xejn liema prinċipju qed jinkisrulu; hux il-prinċipju ta’ **nemo judex in causa sua** jew il-prinċipju l-ieħor **audi alteram partem**.

Dunque, tali dikjarazzjoni kellha issir abbażi tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jirrigwarda stħarriġ ġudizzjarju (Judicial Review) skond l-istess Artikolu tal-Liġi.

Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla fi ħdan il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku huwa att amministrattiv imwettaq minn Awtorita' Pubblika li hija il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u għalhekk meta l-attur jillamenta li sar ksur tal-Ġustizzja Naturali fost affarijiet oħra (mingħajr ma jsemmi liema prinċipju tal-Ġustizzja Naturali ġie miksur kif ingħad iktar il-fuq), kellu jissemma l-Artikolu 469A bis-Sub-Artikoli l-oħra kollha li jaqgħu taħtu tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-attur kellu jagħmel referenza għall-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżjed u iżjed meta huwa għamel it-tieni talba formali tiegħu lill-Onorabbli Qorti ċioe' sabiex hija tiddikjara nulli, invalidi u bla effett id-deċiżjonijiet kollha jew uħud minnhom meħuda mill-intimati jew min minnhom sal-lum fil-kuntest tal-proċess tal-għażla *de quo* u l-proċess tal-petizzjoni tar-rikorrent (dejjem skond l-attur).

Minn dan kollu, l-attur ma semma xejn rigward l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżjed minn hekk, l-azzjoni tal-attur kellha ssir fi żmien sitt xhur minn dakinhar tal-proċess tal-għażla mill-Bord.

(7) Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet su esposti, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

(8) Partijiet mill-inkartament li l-kjamat fil-kawża ġie notifikat bihom mhumiex leġibbli u għalhekk huwa ma jistax jeċċepixxi kjarament fil-kuntest tagħhom.

(9) Illi l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jispeċifika illi meta tqum kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni, dik il-kwistjoni m'għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti.

Dan mhux il-każ għal kwistjoni in eżami skond l-attur għaliex huwa talab li l-kwistjoni tiġi eżaminata mill-Onorabbli Qorti u għalhekk it-talba tal-attur hija invalida u dunkwe nulla u bla effett għax tmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta.

(10) Illi l-fatt li l-attur kien wieħed mill-applikanti/kandidati għall-għażla, ma jfisser xejn illi dan jagħtih xi dritt li jintgħażel mill-Bord tal-għażla sabiex huwa jintgħażel għall-pożizzjoni ta' Assistant Direttur (Tindif Pubbliku) fid-Direttorat tal-Eco-Gozo u Żvilupp Reġjonali fil-Ministeru għal Għawdex.

Dan biex ma nsemmux risposti oħra simili ta' kważi arroganza mogħtija lill-Bord tal-Għażla mill-istess attur.

(11) Illi l-kjamat fil-kawża jipprotesta bil-qawwa kollha in kwantu tal-ilment tar-rikorrent Inġinier Joseph Bajada li jingħata kopja tal-breakdown tar-riżultat tal-kandidati l-oħra kollha inkluż tiegħu stess (tal-kjamat fil-kawża Michael Saliba) kif ukoll li ingħata kopja tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Bord tal-Għażla.

Meta jkun hemm petizzjoni indirizzata lill-Kummissjoni, bħal dik tal-attur, r-rwol tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku (KDSP) skond ir-Regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja li jaqgħu taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta huwa mhux li jagħtu dawn id-dettalji tant personali u li fl-opinjoni tal-kjamat fil-kawża Saliba jiksru **l-Att XX tal-2018 Dwar Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data,** imma ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tagħmel skrutinju u titlob spjegazzjoni mill-Bord tal-Għażla ta' x'kienu r-raġunijiet dettaljati għaliex wasslu lill-istess Bord tal-Għażla li taw dawk l-ammonti ta' punti lil kull kandidat u l-għala dak l-ammont ta' punti lil ċertu kandidat u mhux lill-ieħor.

Fi ftit kliem ir-rwol tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku meta jkun hemm petizzjoni huwa mhux dak li pprova jpitter l-attur Inġinier Bajada fir-rikors ġuramentat tiegħu, imma r-rwol tagħha huwa li titlob spjegazzjoni lill-Bord tal-Għażla u mhux li jingħataw dettalji personali tal-eżami lil xi terza persuna inkluż ukoll l-attur.

(12) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur issostitwixxa jew qed jipprova jissostitwixxi lilu nnifsu u jagħmilha huwa stess flok il-Bord tal-Għażla u dan hekk jif jimplika l-attur mir-rikors ġuramentat tiegħu sa mill-ewwel qari tal-Kapi tar-rikors promotur.

Il-kjamat fil-kawża jopponi dan kollu għar-raġunijiet illi l-attur se mai għandu jitlob għaliex huwa ma ingħatax daqstant marki mill-Bord tal-Għażla għall-mertu tiegħu u mhux jitlob lill-Kummissjoni tramite il-Bord tal-Għażla għaliex kandidati oħra, inkluż ukoll il-kjamat fil-kawża Michael Saliba ingħata dawk il-marki.

(13) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

(14) Bl-ispejjeż."

Rat il-verbal tat-12 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu l-partijiet qablu li l-Kawża titħalla għas-Sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' Noel Attard u l-oħrajn dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 768 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti u atti kollha tal-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għallum biex tingħata Sentenza fuq l-eċċezzjoni imsemmija.

**Ikkunsidrat**

**1.** L-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża Noel Attard u oħrajn hija fis-sens il-*privilegium fori* peress li l-maġġoranza tal-konvenuti jirrisjedu fil-gżira t'Ghawdex u li għalhekk il-kawża ghandha tinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni Ġenerali). Din l-eċċezzjoni ingħatat fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 768 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**2.** Jibda biex jingħad li qabel ma ġew kjamati l-persuni imsemmija, din il-Qorti kienet kjarament kompetenti biex tisma’ l-Kawża peress li kien hemm biss parti waħda li kienet tirresjedi fil-Gżira t'Ghawdex. Il-kwistjoni ta' kompetenza tqanqlet meta l-persuni Noel Attard u oħrajn u Michael Saliba ġew imsejħa fil-kawza. Il-kjamata in kawża dejjem ġie ikkunsidrat bħala parti li tista' tkun ikkundannata u anke liberata mill-ġudizzju. Dan b'differenza mill-intervenut in statu et terminis. Konsegwentement il-kjamat in kawża huwa meqjus bħala konvenut (ara fost oħrajn **Sentenza tal-Prim Awla tad-29 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet Alex Azzopardi vs Anna Ellul u b’digriet tat-28 ta’ Jannar 2010 is-soċjeta` MiddleSea Insurance p.l.c. et**). Għalhekk tajjeb jew ħażin, bil-kjamata tal-persuni msemmija inbidlet bl-ammont ta' partijiet fil-kawża li jirrisjedu fil-Gżira t'Għawdex ġie li jiżboq dak ta' dawk il-persuni li ai fini tal-liġi jitqiesu li jirrisjedu f'Malta.

**3.** L-Artiklu 768 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

"*(1) Meta l-ghadd tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod Malta jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Għawdex; u meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta.*

*(2) Meta wahda mill-partijiet tiċħad b'eċċezzjoni l-kompetenza tal-qorti, dik il-qorti ssir inkompetenti għall-partijiet kollha."*

**4.** Dawn il-Qrati ppronunzjaw lilhom infushom kemm-il darba dwar dan l-artiklu. Per eżempju fis-**Sentenza tat-22 ta` Novembru 1995 fl-ismijiet Joseph Aquilina noe vs Richard dei Conti Stagno Navarra (Vol. LXXIX.II.661) il-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali)** qalet hekk:

*"Jingħad fih infatti illi dik il-Qorti ta` Għawdex bl-esklużjoni tal-Qorti ta` Malta li naturalment teżawtora l-kompetenza ta` din il-Qorti, hija kompetenti biex tisma' u tieħu konjizzjoni – bħala Qorti ta` l-ewwel grad – "ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqgħodu jew li għandhom residenza tagħhom ordinarja fil-gżira ta` Għawdex jew kemmuna kif ukoll dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-Qorti".*

*"Hu car għalhekk illi fuq kollox u qabel xejn hu l-fattur tar-residenza tal-konvenut li jirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta` Għawdex, ad esklużjoni tal-kompetenza ta` din il-Qorti ….."*

*"…… Minn dawn id-disposizzjonijiet inħoloq id-dritt ta` kull persuna li tiġi mħarrka quddiem il-Qorti tal-Gżira fejn hija tinsab toqghod".*

**5.** L-anqas ma jista' jingħad li l-*privilegium fori* spiċċa fit-termini ta' dak li jistipula l-artikolu 771 tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta (ara **Sentenza tad-19 ta` Novembru 1954 fl-ismijiet John Borg vs Salvatore Bonnici Kollezz. Vol. XXXVIII.I.236**). Dan qiegħed jingħad għaliex l-obbligazzjoni mertu tas-sejħa pubblika li ħarget biex timtela l-kariga mertu ta' din il-Kawża għandha tkun esegwita fil-Gżira t'Ghawdex ( ara dok A a' fol 8).

**6.** Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, il-partijiet kollha għall-kawża qablu li llum in-numru ta' Konvenuti residenti f'Għawdex jiżboq dawk ta' Malta. Għalhekk, qiegħed jingħad mill-kjamati in kawża li fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 768(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma għandha ebda triq oħra ħlief li tiddikjara lilha innifisha bħala inkompetenti u li l-Qorti li għandha kompetenza tisma' din il-kawża skont dan l-artiklu hija il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Superjuri Tagħha.

**7.** B'danakollu minkejja t-tagħlim ġurisprudenzjali in kwistjoni din il-Qorti tħoss, li minħabba kif żviluppaw il-proċeduri f'din il-kawża, ma jfissirx li ma għadhiex kompetenti fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 768 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tistqarr li għamlet ir-ricerki tagħha sabiex issib tagħlim li jista' jilluminaha fuq dan il-punt iżda r-riżultat kien fin-negattiv u ma sabet ebda sentenza jew tagħlim tal-awturi biex

jiggwidaha fuq is-sitwazzjoni li għandha quddiemha. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li fil-perkors tal-kawża żdied in-numru tal-konvenuti li jirrisjedu fil-Gżira t'Għawdex bis-saħħa tal-kjamata in kawża tagħhom.

**8.** Il-Qorti għalhekk waslet għall-konklużjoni fil-fehma razzjonali tagħha, li dan l-artikolu japplika biss fir-rigward tal-partijiet oriġinali tal-kawża. Dan ma japplikax meta, wara li tkun preżentata l-kawża jirriżulta li jkun hemm il-ħtieġa li jiġu kjamati terzi oħrajn, anke jekk għall-fini tal-liġi l-kjamat in kawża huwa meqjus bħala parti. Din hija żieda li sa ċertu punt tkun saret *per accidens* fl-ammont tal-partijiet fil-kawża u li ma tiżvestix lil din il-Qorti mill-kompetenza ai termini tal-artikolu 768 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jingħad b'mod partikolari meta l-Qorti tkun diġa' ġiet adita regolarment u jekk mhux ukoll iddeterminat kwistjonijiet li jkunu diġa' ġew sollevati mill-partijiet originali, bħal ma huwa d-digriet ta' din il-Qorti fejn ordnat il-kjamata ta' diversi persuni fil-kawża u li ghadu appellabbli mas-sentenza finali. Indipendentement għalhekk, mill-fatt li fil-perkors tal-kawża saret il-kjamata in kawża ta' terzi dan ma jannullax jew jinnewtralizza l-kompetenza tal-Qorti għar-raġunijiet imsemmija. Li kieku kellu jiġi aċċettat dan ir-raġunament dan ikun ifisser li f'kawża li tkun ilha snin pendenti, jekk fil-perkors tagħha jirriżulta li hemm il-ħtieġa ta' kjamata in kawża dan il-fatt waħdu jista' jiżvesti lil dik il-Qorti li tkun qed titratta l-kawża mill-kompetenza li tkompli tismagħha.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi parzjalment bil-mod segwenti billi **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati in kawża Noel Attard u oħrajn u konsegwentement tiddikjara li hija kompetenti li tkompli tisma' l-kawża u tordna għalhekk il-prosegwiment tal-istess.

Spejjes ta' dan l-episodju jibqgħu riservati għal mas-Sentenza finali fuq il-mertu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**